**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta nhar il-Hamis 30 ta' Lulju, 2020**

**Rikors nru: 215/19AGV ;**

**AB**

**Vs**

**Avukat Dottor Mark. A. Mifsud Cutajar u PL. Jean Pierre Busuttil li b'digriet gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB, karta tal-identita', numru 140264 M, fejn espona bir-rispett;

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata assenti, izzewgu nhar it- 23 ta’ Lulju 2018, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok AM1;

2. Illi frott ta’ dan iz-zwieg, ma twieldux ulied;

3. Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet giet reza impossibbli, minhabba ragunijiet li huma unikament imputabbli lill-intimata, fosthom, izda mhux limitatament minhabba adulterju, abbandun totali u qerq da parti tal-istess intimata assenti;

4. Illi r-rikorrenti gie nformat, minn terzi, li l-istess intimata m’ghadhiex fil-gzejjer Maltin, u ghalhekk, il-kawza odjerna, qed issir kontra kuraturi deputati, sabiex jirrapprezentawha fl-assenza taghha;

5. Illi r-rikorrent m’ghandux indikazzjoni t’indirizz tal-istess intimata assenti;

6. Illi l-medjazzjoni bejn il-partijiet, ma sehhitx u, ghaldaqstant, ir-rikorrent gie awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni personali, permezz ta’ digriet, datat it-28 ta’ Awwissu 2019, Dok AM2, anness.

Ghaldaqstant, tghid l-intimata ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m’ghandix:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghal ragunijiet imputabbli lill-intimata;
2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimata ddekadiet mid-dritt taghha tal-manteniment;
3. Ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet u tillikwida u taqsam l-istess komunjoni , f’zewg porzjonijiet li jigu assenjati wahda lir-rikorrenti u l-ohra lill-intimata, mhux necessarjament ugwali;

4. Tapplika kontra l-intimata, is-sanzjonijiet kontemplati fid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48 et seq tal-Kodici Civili;

5. Tillikwida l-assi parafernali tar-rikorrent u tassenja l-istess assi lir-rikorrent.

Bl-ispejjez kontro l-intimata ngunta ghas-subizzjoni.

**FATTI**

1. L-attur jispjega li kien iltaqa' mal-konvenuta online u kienu zzewwgu fit-23 ta' Lulju, 2018 f' Tunis. Kienu ftehmu li jaghmlu t-tieg aktar tard ghaliex il-konvenuta damet sitt xhur biex gabet il-visa biex tigi Malta. Fil-fatt giet Malta precizament fit-12 ta' Dicembru, 2018 meta inhargitilha l-VISA. Jispjega li l-problemi bdew mill-bidunett, ghaliex mal-wasla taghha hawn Malta, il-konvenuta marret toqghod Birzebbugia ma' xi familjari kienet qaltlu, u dan peress li tatu x'jifhem li peress li kienet Musulmana ma setghetx toqghod mieghu sakemm ikun hemm il-festa tat-tieg. Ighid ukoll li fil-fatt, ma marritx tghix ma' kuginuha, izda jidher li kienet persuna aktar vicin taghha.

2. Kien hemm zmien li marret tghix mal-attur, izda jghid li dejjem kienet issib l-iskuzi biex terga' tmur ma' kuginuha, kif kienet tirreferi ghalih hi. Induna tard li kienet izzewwgitu biss ghall-ghanijiet personali taghha u mhux ghax kienet thobbu. Jametti li kien ghama fuqha u ghalhekk dam ma nduna.

3. L-attur ikompli jispjega li qabel ma kienet giet Malta kien wieghdha li jiktbilha l-post li kellu mikri l-Hamrun, fit-testment wara mewtu. Kuginuha

kien staqsih jekk  dan kienx sar u peress li ma kienx il-kaz, kien rega' ha l-konvenuta mieghu. Pero' din regghet riedet tmur lura ghand l-attur peress li kien wieghdha l-post. Meta rrifjuta li jaghtiha l-post b'donazzjoni, regghet telqet u kien gie ghaliha kuginuha.

4. Kienu t-8 ta' Marzu, 2019 fejn sab lill-konvenuta d-dar, meta kien mar ghal-gharrieda u hemm kien induna li kienet qed tirreagixxi b'mod suspettuz. Intebah li kien hemm il-kugin hemm u kien haseb mill-ewwel li kienu f'relazzjoni, minkejja li kemm il-konvenuta, kif ukoll il-kugin innegaw kollox. Kompla kkonferma dan meta kienet ghamlet ta' bir-ruhha li missier ma kienx jiflah u riedet tmur it-Tunez biex tarah. Kien hallsilha l-biljett tal-ajru u wara gimgha cemplitlu sabiex jixtrilha biljett biex tirritornaha lura Malta. Hekk ghamel, izda meta ried imur jilqaghha l-ajruport, irrifjutat u l-ghada l-kugin ikkomunika  mieghu li l-konvenuta ma kinitx ser tibqa' mieghu izjed.

   Ghalhekk, l-attur kien mar jaghmel rapport l-ghassa tal-Hamrun u kien hadilha hwejjigha kollha.

5. Illum l-attur ighid li ma jafx fejn tinstab il-konvenuta, izda mill-informazzjoni li ghandu telqet minn Malta. Induna li ma kienx hemm imhabba, izda li kienet uzatu ghall-flus. Fil-fatt esebixxa diversi trasferimenti bankarji li kien jaghmel lejn Tunez ghall-konvenuta.[1]

6. Bhala assi jikkonferma li ma kien hemm xejn x'jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Dwar il-proprjeta' tal-Hamrun, izid ighid li dina hija parafernali ghalih peress li kien wiritha.

---

[1] Ara Doks. C u D u D1

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur ipproduca l-provi tieghu u peress li l-konvenuta hija assenti minn Malta gew nominati l-kuraturi sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-istess assenti, izda peress li mhumiex edotti mill-fatti, dina l-Qorti ser toqghod fuq il-provi mressqa mill-attur.

Il-partijiet iltaqghu tramite *online chat* u zzewwgu fit- 23 ta' Lulju 2018. Mill-bidunett, kien intopp ghaliex il-konvenuta kienet Tunezina u kellha tigi Malta biss meta kellha l-Visa f'idejha.

Mill-bidunett kien hemm abbandun da parti tal-konvenuta ghaliex ghexet mal-attur ftit wisq u l-uniku interess kien li jiktbilha l-post li kellu l-Hamrun. Marret tghix ma' qraba taghha, minkejja li l-attur qatt ma kien konvint li l-persuna li kienet tirreferi ghaliha bhala kugin, ma kien kugin xejn.

Illi hawn issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Josephine Anne Edwards vs Avukat Dr Joseph Xuereb noe"** (P.A. 22 ta' Frar 1961) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

***"Biex jikkostitwixxi motiv ta' separazzjoni, l-abbandun irid ikun ingust fiz-zmien tieghu kollu ta' sentejn, u jekk l-abbandun fil-fatt ma jikkostitwix l-abbandun li trid il-ligi bhala motiv ta' separazzjoni, lanqas ma jista' jigi inkwadrat fil-figura ingurja gravi, ghax b'dan il-mod ikun qieghed jitqies bhala motiv ta' separazzjoni minghajr irrekwizit zmien li l-ligi tirrikjedi ghall-abbandun."***

Fil-kawża **Andrea Avellino vs. Regina Avellino,** insibu tifsira ċara ta' dawn il-kriterji, fejn intqal: **"*Illi dwar l-abbandun, jingħad li l-istess, biex***

***jista' jikkostitwixxi kawżali tas-separazzjoni, irid, apparti ż-żmien, li fil-każ se mai jikkonkorri, illi jkun sar bla ġusta kawża. Huwa fatt li l-apprezzament taċ-ċirkustanzi "di fatto" li l-abbandun mid-dar ikun sar volontarjament (ċioe bla kawża ġusta), b'mod li jkun jista' jagħti lok għas-separazzjoni personali għall-ħtija ta' min jirrikorri għalih, huwa mħolli fil-kriterju tal-maġistrat deċidenti; kif ukoll ġie deċiż illi mhux kwalunkwe allontanament ta' konjuġi mid-domiċilju konjugali jikkostitwixxi l-prova ta' l-abbandun volontarju: imma jrid ikun jirriżulta minn fattijiet li juri l-intenzjoni żgura, ferma u pożittiva.***"

Illi ghalhekk jezistu ragunjiet sufficjenti li jippruvaw li l-konvenuta hija hatja ta' separazzjoni minhabba abbandun.

Dwar l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, l-attur jikkonferma li ma kienu jippossjedu xejn, peress li qatt ma kien hemm hajja matrimonjali. Pero' fir-rigward ta' proprjeta' parafernali jikkonferma li kellu l-proprieta' tal-Hamrun.

**DECIDE**

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici minhabba abbandun da parti tal-konvenuta.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici.

3. Tastjeni milli tiehu iktar konjizzjoni ta' dina t-talba stante li m'hemmx assi jew djun fil-komunjoni tal-akkwisti.

4. Tilqa' r-raba' talba in vista tal-fatt li l-konvenuta rrendiet ruhha hatja ta' abbandun.

5. Tilqa' l-hames talba attrici.

L-ispejjes ghandhom jigu ssopportati nterament mill-konvenuta.

**Onor. Imhallef Anthony. J. Vella** **Registratur**